

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/2301**tat-8 ta' Diċembru 2015**

li temenda d-Deċiżjoni 93/195/KEE dwar is-saħħa tal-annimali u l-kundizzjonijiet tagħhom u ċ-ċertifikazzjoni veterinarja tagħhom għad-dħul mill-ġdid ta' żwiemel reġistrati għat-tiġrija, kompetizzjoni u okkażjonijiet kulturali wara esportazzjoni temporanja lejn il-Messiku u l-Istati Uniti tal-Amerka, u li temenda l-Anness I tad-Deċiżjoni 2004/211/KE fir-rigward tal-entrata għall-Messiku fil-lista ta' pajjiżi terzi u partijiet minnhom minn fejn huma awtorizzati l-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' ekwidi ħajjin u ta' semen, ova u embrijuni tal-ispeċi ekwina

(notifikata bid-dokument C(2015) 8556)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE tat-13 ta' Lulju 1992 li tistabbilixxi l-ħtiġijiet dwar saħħa tal-annimali li jirregolaw il-kummerċ ta', u l-importazzjoni fil-Komunità ta' annimali, semen, ova u embrijuni mhux suġġetti għal ħtiġijiet ta' saħħa tal-annimali meħtieġa f'regoli speċifiċi tal-Komunità li hemm referenza għalihom fl-Anness A(l) tad-Direttiva 90/425/KEE ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 17(3)(a) tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2009/156/KE tat-30 ta' Novembru 2009 dwar kundizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali li jirregolaw il-moviment u l-importazzjoni minn pajjiżi terzi ta' ekwidi ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 12(1) u (4), u l-frażi introduttorja u l-punti (a) u (b) tal-Artikolu 19 tagħha,

Billi:

- (1) Id-Direttiva 2009/156/KE tistabbilixxi l-kundizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali għall-importazzjoni tal-ekwidi ħajjin fl-Unjoni. Skont l-Artikolu 13(1)(b) ta' dik id-Direttiva, waħda mill-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni tal-importazzjonijiet tal-ekwidi fl-Unjoni hija li l-pajjiż terz ikun ilu ħieles mill-enċefalomjelite ekwina tal-Venezwela għal perjodu ta' sentejn.
- (2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 93/195/KEE ⁽³⁾ tipprovdi mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa għad-dħul mill-ġdid ta' żwiemel reġistrati wara l-esportazzjoni temporanja biex jieħdu sehem fi tlielaq, kompetizzjonijiet u avvenimenti kulturali. Il-mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa fl-Anness II ta' dik id-Deċiżjoni jipprovdi, fost l-oħrajn, li żwiemel irreġistrat li ġie esportat temporanjament għal perjodu li mhux itwal minn 30 jum, mindu ħareġ mill-Unjoni, irid ikun żar biss fil-pajjiż terz minn fejn ġie ċċertifikat għad-dħul mill-ġdid fl-Unjoni jew f'pajjiż terz assenjat għall-istess grupp sanitarju kif indikat fl-Anness I ta' dik id-Deċiżjoni.
- (3) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/211/KE ⁽⁴⁾ tistabbilixxi lista ta' pajjiżi terzi, jew ta' partijiet minnhom fejn tapplika r-reġjonalizzazzjoni, li minnhom l-Istati Membri għandhom jawtorizzaw l-importazzjoni ta' ekwidi ħajjin u ta' semen, ova u embrijuni tagħhom, u tindika l-kundizzjonijiet l-oħra li huma applikabbli għal dawn l-importazzjonijiet fl-Anness I tagħha ("il-lista"). Il-Messiku huwa inkluż fil-lista u huwa assenjat lill-grupp sanitarju "D", filwaqt li l-Istati Uniti huma assenjati fil-lista lill-grupp sanitarju "C".
- (4) Il-lista tispeċifika li l-ammissjoni temporanja taż-żwiemel irreġistrati, id-dħul mill-ġdid wara l-esportazzjoni temporanja taż-żwiemel irreġistrati għat-tlielaq, il-kompetizzjonijiet u l-avvenimenti kulturali, l-importazzjonijiet tal-equidae irreġistrati u tal-equidae għar-riproduzzjoni u l-produzzjoni, u l-importazzjonijiet ta' semen, ova u embrijuni tal-ispeċi ekwina mill-Messiku, bħalissa mhumiex awtorizzati, filwaqt li dan iċ-ċaqliq taż-żwiemel irreġistrati huwa awtorizzat mill-Istati Uniti.

⁽¹⁾ ĠUL 268, 14.9.1992, p. 54.

⁽²⁾ ĠUL 192, 23.7.2010, p. 1.

⁽³⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 93/195/KEE tat-2 ta' Frar 1993 dwar is-saħħa tal-annimali u l-kundizzjonijiet tagħhom u ċ-ċertifikazzjoni veterinarja tagħhom għad-dħul mill-ġdid ta' żwiemel reġistrati għat-tiġrija, kompetizzjoni u okkażjonijiet kulturali wara esportazzjoni temporanja (ĠUL 86, 6.4.1993, p. 1).

⁽⁴⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/211/KE tas-6 ta' Jannar 2004 li tistabbilixxi l-lista ta' pajjiżi terzi u ta' partijiet mit-territorju tagħhom li minnhom l-Istati Membri jawtorizzaw l-importazzjoni ta' equidae ħajjin u ta' semen, ova u embrijuni tal-ispeċi ekwina, u li temenda d-Deċiżjonijiet 93/195/KEE u 94/63/KE (ĠUL 73, 11.3.2004, p. 1).

- (5) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/86/UE ⁽¹⁾ ġiet adottata qabel l-avveniment kulturali Théâtre équestre Zingaro fl-2014. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/86/UE emendat l-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni 93/195/KEE sabiex tawtorizza d-dħul mill-ġdid fl-Unjoni taż-żwiemel irreġistrati, wara l-espportazzjoni temporanja tagħhom biex jieħdu sehem f'dak l-avveniment, bil-kundizzjoni li ż-żwiemel irreġistrati jkunu konformi mar-rekwiżiti stipulati f'ċertifikat tas-saħħa mfassal skont il-mudell stabbilit fl-Anness X ta' dik id-Deċiżjoni. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/86/UE emendat ukoll id-Deċiżjoni 93/195/KEE sabiex iżżid l-Anness X il-ġdid li jstabbilixxi l-mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa.
- (6) Barra minn hekk, id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/86/UE emendat id-Deċiżjoni 2004/211/KE sabiex il-lista tippermetti d-dħul mill-ġdid taż-żwiemel irreġistrati għat-tlielaq, għall-kompetizzjonijiet u għall-avvenimenti kulturali wara l-espportazzjoni temporanja, miż-żona metropolitana ta' Mexico-City sal-15 ta' April 2014.
- (7) L-avvenimenti ekwestri tal-LG Global Champions Tour se jsiru taħt l-awspiċi tal-Fédération Equestre Internationale f'Miami, fl-Istati Uniti, mis-7 sad-9 ta' April 2016, u fiż-żona metropolitana ta' Mexico-City, il-Messiku, mill-15 sas-17 ta' April 2016.
- (8) Iż-żewġ avvenimenti msemmija tal-LG Global Champions Tour fl-Istati Uniti u fiż-żona metropolitana ta' Mexico-City se jsiru b'supervizzjoni veterinarja uffiċjali. Fid-dawl tal-livell għoli ta' dik is-supervizzjoni, jistgħu jiġu stipulati kundizzjonijiet speċifiċi għaċ-ċertifikazzjoni tas-saħħa tal-annimali u għaċ-ċertifikazzjoni veterinarja għad-dħul mill-ġdid ta' dawk iż-żwiemel wara l-espportazzjoni temporanja għal perjodu ta' mhux iktar minn 30 jum biex jieħdu sehem fl-avvenimenti ekwestri tal-LG Global Champions Tour f'Miami u mbagħad f'Mexico-City.
- (9) Id-Deċiżjoni 93/195/KEE għandha tiġi emendata sabiex tawtorizza d-dħul mill-ġdid fl-Unjoni sat-30 ta' April 2016 taż-żwiemel irreġistrati għat-tlielaq, għall-kompetizzjonijiet u għall-avvenimenti kulturali wara l-espportazzjoni temporanja bl-iskop li jieħdu sehem fl-LG Global Champions Tour f'Miami u f'Mexico-City, u sabiex tipprovi għal mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa li jkopri dawn iż-żwiemel irreġistrati. Fl-istess waqt, id-dispożizzjonijiet skaduti tad-Deċiżjoni 93/195/KEE, kif emendata mid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/86/UE, għandhom jitħassru.
- (10) Id-Deċiżjoni 93/195/KEE għandha għalhekk tiġi emendata skont dan.
- (11) Billi ż-żona metropolitana ta' Mexico-City hija reġjun ta' altitudni għolja b'riskju iktar baxx tat-trażmissjoni permezz ta' vettur tal-istomatite vexsikulari jew ċerti sottotipi ta' enċefalomjelite ekwina tal-Venezwela, id-dħul mill-ġdid ta' żwiemel reġistrati għal tlielaq, kompetizzjonijiet u avvenimenti kulturali wara l-espportazzjoni temporanja għal perjodu ta' inqas minn 30 ġurnata lejn iż-żona metropolitana ta' Mexico-City, reġjun fejn l-enċefalomjelite ekwina tal-Venezwela ilha iktar minn sentejn ma tiġi rrapportata, għandu jiġi awtorizzat. Għalhekk, l-entrata għall-Messiku fil-lista għandha tiġi emendata sabiex ikun permess id-dħul mill-ġdid fl-Unjoni taż-żwiemel irreġistrati għat-tlielaq, għall-kompetizzjonijiet u għall-avvenimenti kulturali wara l-espportazzjoni temporanja, miż-żona metropolitana ta' Mexico-City mit-30 ta' Marzu 2016 sat-30 ta' April 2016.
- (12) L-entrata għal dak il-pajjiż terz fil-lista fl-Anness I tad-Deċiżjoni 2004/211/KE għandha għalhekk tiġi emendata.
- (13) Id-Deċiżjoni 2004/211/KE għandha għalhekk tiġi emendata skont dan.
- (14) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni 93/195/KEE hija emendata kif ġej:

- (1) Fl-Artikolu 1, l-aħħar inċiż jimbiddel b'dan li ġej:

— ħadu parti fl-avvenimenti ekwestri tal-LG Global Champions Tour f'Miami, l-Istati Uniti, u f'Mexico-City, il-Messiku, u jissodisfaw ir-rekwiżiti stipulati f'ċertifikat tas-saħħa mfassal skont il-mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa stabbilit fl-Anness X ta' din id-Deċiżjoni u bil-kundizzjoni li dan id-dħul mill-ġdid ma jseħħx wara t-30 ta' April 2016."

⁽¹⁾ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/86/UE tat-13 ta' Frar 2014 li temenda d-Deċiżjoni 93/195/KEE dwar il-kondizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali u ċ-ċertifikazzjoni veterinarja għad-dħul mill-ġdid ta' żwiemel reġistrati għal tlielaq, kompetizzjonijiet u avvenimenti kulturali wara l-espportazzjoni temporanja lejn il-Messiku u li temenda l-Anness I tad-Deċiżjoni 2004/211/KE firrigward tal-entrata tal-Messiku fil-lista ta' pajjiżi terzi u partijiet minnhom minn fejn l-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' ekwidi ħajjin u ta' semen, ova u embrijuni tal-ispeċi ekwina huma awtorizzati (G.U.L 45, 15.2.2014, p. 24).

(2) L-Anness X jinbidel bit-test li hemm fl-Anness I ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

L-Anness I tad-Deċiżjoni 2004/211/KE huwa emendat skont l-Anness II ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Diċembru 2015.

Għall-Kummissjoni
Vytenis ANDRIUKAITIS
Membru tal-Kummissjoni

ANNEX I

"ANNEX X

ĊERTIFIKAT TAS-SAĦĦA

għad-dħul mill-ġdid fl-Unjoni ta' żwiemel irregjstrati wara esportazzjoni temporanja lejn l-Istati Uniti tal-Amerka u lejn il-Messiku għal massimu ta' 30 jum biex jipparteċipaw f'kompetizzjonijiet f'Miami u fiż-żona metropolitana ta' Mexico-City

Nru taċ-Ċertifikat:

Avveniment speċifiku:

Parteċipazzjoni fl-LG Global Champions Tour f'Miami, l-Istati Uniti tal-Amerka, u ż-żona metropolitana ta' Mexico-City, f'April 2016.

Pajjiż terz tad-dispaċċ: Il-Messiku

Il-ministeru responsabbli: (niżżel l-isem tal-Ministeru)

I. Identifikazzjoni taż-żiemel

(a) Nru tad-dokument ta' identifikazzjoni:

(b) l-valdat minn:

(isem l-awtorità kompetenti)

II. Oriġini taż-żiemel

Lż-żiemel għandu jintbagħat minn:

(il-post tal-kunsinna)

lejn:

(il-post tad-destinazzjoni)

bl-ajru:

(in-numru tat-titjira)

L-isem u l-indirizz tal-kunsinnatur:

L-isem u l-indirizz tad-destinatarju:

III. It-tagħrif dwar is-saħħa

Jiena, li ismi jidher iffirmit aktar 'l isfel, niċċertifika li ż-żiemel deskritt aktar 'il fuq jissodisfa l-kundizzjonijiet li ġejjin:

- (a) ġej minn pajjiż fejn il-marda li ġej jiġi notifikat b'mod obligatorju: il-marda Afrikana taż-żwiemel, id-durina, il-glanders, l-enċefalomjelite ekwina (tal-għamliet kollha inklużi l-enċefalomjelite ekwina tal-Venezwela), l-anemija infettiva taż-żwiemel, l-istomatite vexsikulari, ir-rabja u l-antraċe;
- (b) ġie eżaminat illum u ma wera l-ebda sinjal kliniku ta' mard ⁽¹⁾;
- (c) mhux maħsub biex jinqatel skont programm nazzjonali ta' mard infettiv jew qerda ta' mard li jittieħed;
- (d) mindu daħal fil-pajjiż terz jew, fil-każ tar-reġjonalizzazzjoni uffiċjali skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, f'parti mit-territorju tal-pajjiż terz ⁽²⁾, kien residenti f'azjendi li għandhom superviżjoni veterinarja, kien miżmum fi stalel separati mingħajr ma ġie f'kuntatt ma' ekwidi ta' stat ta' saħħa iktar baxx ħlief waqt il-kompetizzjoni;

- (e) ġej mit-territorju jew, fil-każ ta' reġjonalizzazzjoni uffiċjali skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, minn parti tat-territorju ta' pajjiż terz li fih:
- (i) l-enċefalomjelite ekwina tal-Venezwela ma tfaċċatx matul l-aħħar sentejn;
 - (ii) ma kienx hemm każijiet ta' durina matul l-aħħar sitt xhur;
 - (iii) ma kienx hemm każijiet ta' glanders matul l-aħħar sitt xhur;
- (f) mhux ġej mit-territorju jew minn parti mit-territorju ta' pajjiż terz li hu meqjus, skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni Ewropea, li hu infettat mill-marda Afrikana taż-żwiemel;
- (g) mhux ġej minn stabbiliment li kien soġġett għal ordni ta' projbizzjoni għal raġunijiet ta' saħħa tal-annimali u lanqas ma kellu kuntatt ma' ewkini minn stabbiliment li kien soġġett għal ordni ta' projbizzjoni għal raġunijiet ta' saħħa tal-annimali li stipulat il-kundizzjonijiet li ġejjin:
- (i) jekk mhux l-annimali kollha tal-ispeċi suxxettibbli għal marda waħda jew iktar mill-mard imsemmi minn hawn 'il quddiem tneħħew mill-istabbiliment, il-projbizzjoni damet għal:
 - sitt xhur fil-każ ta' enċefalomjelite ekwina, li jibdedw mid-data li fiha l-ekwini li jsofru mill-marda nqatlua jew tneħħew mill-istabbiliment,
 - perjodu meħtieġ biex jitwettqu żewġ testijiet Coggins tliet xhur minn xulxin li taw riżultati negattivi fuq kampjuni meħudin mill-annimali li fadal wara li kienu maqtula l-annimali infettati, fil-każ ta' anemija ekwina infettata,
 - xahar mill-aħħar każ irregiŋtrat, fil-każ ta' rabja;
 - 15-il jum mill-aħħar każ irregiŋtrat, fil-każ ta' anthrax.
 - (ii) jekk l-annimali kollha tal-ispeċi suxxettibbli għall-marda nqatlu jew tneħħew mill-istabbiliment, il-perjodu ta' projbizzjoni għandu jkun ta' 30 jum, jew ta' 15-il jum fil-każ tal-antraċe, li jibdedw mill-ġurnata meta l-istabbiliment tnaddaf u ġie ddiżinfettat wara l-qerda jew tneħħija tal-annimali;
- (h) jiġi minn stabbiliment li:
- (i) jew kien suġġett għal ordni ta' projbizzjoni għall-istomatite vexxikulari u l-annimal ma kellux kuntatt ma' ekwini minn stabbiliment li kien suġġett għal din l-ordni ta' projbizzjoni matul is-sitt xhur li għadew ⁽³⁾; jew
 - (ii) kien ħieles mill-istomatite vexxikulari matul it-30 ġurnata qabel it-tluq u protett minn insetti li jittrażmettu l-mard matul dawk it-30 ġurnata qabel it-tluq u fejn kien sottopost għal wieħed minn dawn it-testijiet tas-saħħa mwettqa fuq kampjun tad-demem meħud mhux qabel 21 jum wara l-bidu tal-perjodu tal-protezzjoni mill-vetturi.
 - test tan-newtralizzazzjoni tal-vajrus li jagħti riżultat negattiv f'dilwizzjoni ta' serum ta' 1 fi 12 ⁽³⁾;
 - test seroloġiku mwettaq u jagħti riżultat negattiv skont il-punt B(2) tal-Kapitolu 2.1.19 tal-Manwal ta' Testijiet Dijanjostiċi u Vaċċini għall-Annimali Terrestri tal-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali (OIE) ⁽³⁾;
 - (i) sa fejn naf jien, ma kienx f'kuntatt ma' ekwini li jsofru minn mard li jinfetta jew kontaġġuż fil-15-il jum qabel din id-dikjarazzjoni.

IV. Informazzjoni dwar residenza u kwarantina:

- (a) Iż-żiemel daħal fit-territorju tal-Messiku f'din id-data: ⁽⁴⁾.
- (b) Iż-żiemel wasal fil-Messiku minn Stat Membru tal-Unjoni Ewropea jew mill-Istati Uniti tal-Amerka.
- (c) Sa fejn jista' jkun aċċertat, iż-żiemel ma kienx kontinwament barra l-Unjoni Ewropea għal 30 jum jew aktar, inkluża d-data tar-ritorn skedata skont dan iċ-ċertifikat, u ma kienx barra mill-Messiku jew barra mill-Istati Uniti tal-Amerka mindu telaq mill-Unjoni Ewropea.

- V. Iż-żiemel se jintbghat f'vettura nadifa u disinfettata minn qabel b'disinfettant uffiċjalment rikonoxxut fil-pajjiż terz tad-dispaċċ u ddisinjata b'tali mod li l-ħmieġ, il-materjal li jorqod fuqu jew l-għalf ma' jistax joħroġ waqt it-trasport.
- VI. Dan iċ-ċertifikat huwa validu għal 10 ijiem.

Data	Post	Timbru u firma tal-veterinarju uffiċjali ⁽¹⁾

Isem b'ittri kbar u l-pożizzjoni.

(¹) Il-kulur tat-timbru u l-firma għandhom ikunu differenti minn dak użat għall-istampar.

(¹) Dan iċ-ċertifikat għandu jinħareġ dakinhar tat-tagħbija tal-annimal biex jintbagħat lejn l-Unjoni Ewropea jew fl-aħħar jum tax-xogħol qabel l-imbarkazzjoni.

(²) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/211/KE tas-6 ta' Jannar 2004 li tistabbilixxi l-lista ta' pajjiżi terzi u ta' partijiet mit-territorju tagħhom li minnhom l-Istati Membri jawnorizzaw l-importazzjoni ta' equidae ħajjin u ta' semen, ova u embrijuni tal-ispeċi ekwina, u li temenda d-Deċiżjonijiet 93/195/KEE u 94/63/KE (ĠU L 73, 11.3.2004, p. 1).

(³) Passar kif xieraq.

(⁴) Niżżel id-data tad-dħul [jj/xx/ssss]."

ANNEX II

Fl-Anness I tad-Deċiżjoni 2004/211/KE l-entrata għall-Messiku tinbidel b'dan li ġej:

"MX	Il-Messiku	MX-0	Il-pajjiż kollu	D	—	—	—	—	—	—	—	—	—	
		MX-1	Iż-żona Metropolitana ta' Mexico-City	D	—	X	—	—	—	—	—	—	—	Validu mit-30 ta' Marzu sat-30 ta' April 2016"